MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1651/2003

**John Peregin**

**Vs**

**Holiday Resorts Limited (C5733)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta Awissu 2003 fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallsu s-somma ta' tmien mija u tmienja u disghin lira tmenin centezmu (Lm898.80) rapprezentanti valur ta wiehed u erbghin gurnata leave kif jirrizulta mill-ahhar pay slip tieghu in konnessjoni mal-impjieg li huwa kellu mal-istess socjeta li kien gie terminat in segwitu tar-rizenja tieghu datata 11 ta April 2002.
Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tas-socjeta konvenuta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 19 ta Settembru 2003 fejn gew kontestati t-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet:-
a) Li l-attur ghadu ma hallasx l-ispejjes gudizzjarji in konnessjoni ma kawza ohra identika li kienet giet intavolata kontra kumpanija ohra formanti l-istess grupp ta socjetajiet tas-socjeta konvenuta;
b) Li l-attur ma kienx ibbenefika minn estenzjoni li taghtu s-socjeta konvenuta biex jutilizza l-leave tieghu sal-21 ta Marzu;
c) Illi l-attur kien gia thallas tal-leave tas-sena 2003 u l-hdax il-gurnata leave li ha fis-sena 2003 tnaqqsulu minn dawk akkumulati tas-sena ta qabel;

Illi permezz ta risposta ulterjuri datata 13 ta Novembru 2003 is-socjeta konvenuta eccepiet ulterjorment l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2147 (c) Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet taghha tal-1 ta Dicembru 2004 fejn gie deciz li ghandhom qabel xejn jitresqu l-provi biss fuq il-kwistjoni tal-preskrizzjoni halli din tigi deciza preliminarjament;

Ikkunsidra.

Illi mix-xhieda ta David Jaccarini jirrizulta li meta l-attur kien telaq mill-impjieg tieghu mas-socjeta konvenuta kien ghad fadallu x’jiehu diversi granet ta leave. Ma setax jikkonferma mid-dokument esebit a fol 25 tal-process jekk in-numru 77 fejn leave balance kienx ifisser Lm77 jew 77 granet leave pero jzid jispjega li l-kumpanija kellha policy li jekk il-leave ma jittihiedtx sal-31 ta Marzu tas-sena ta wara allura dan jintilef – u fil-kaz in ezami ma hux kontestat il-fatt li l-attur qed jitlob ghal hlas ta leave ta diversi snin u mhux ta sena wahda,

Illi minn Dok DJ1 prezentat mill-attur u skond l-affidavit tieghu stess jidher li l-hlas ta leave akkumulat kien ta 41 gurnata u nofs u dana peress li minn 77 gurnata

akkumulata, il-konvenuti kienu gia hallsu ta madwar 17 il-gurnata.

Tonio Farrugia rapprezentant tas-socjeta konvenuta jikkonferma li l-konvenuti kienu qabblu mal-attur li jhallsuh ghal leave li ma kienx ha ghas-sena 2002 pero jichad li kienu ftiehmu mieghu li sejrin ihallsuh ghas-snin ta qabel. Difatti jallega li kien appuntu minnhabba f'hekk li l-attur kien irrizenja mill-impjieg.

Jigi notat illi ghalkemm kellhom jigu prezentati Nota ta sottomissjonijiet dawn baqghu qatt ma saru.

Jigi notat ukoll li baqghet qatt ma ngabet prova soddisfacenti dwar ghal liema zmien kienu qed ikopru l-allegati 77 gurnata leave akkumulati – li jnsab ipprovat pero huwa li tas-sena 2002 dawn jinsabu mhallsa.

Illi l-kawza odjerna giet intavolata fis-26 ta Awissu 2003 filwaqt li l-ahhar gurnata xoghol tal-attur kienet fil-5 ta Gunju 2002 cioe aktar minn sena qabel, ghal mument irrispettivament, ghal liema snin huwa qed jaghmel il-kawza odjerna.

Illi l-perjodu preskrittiv sollevat huwa dak ta sena u cioe l-artikolu 2147 (c) Kap 16 ighid car u tond li l-azzjoni ta l-impjegati ghall-hlas tal-paga tagghom jew ta servizzi ohra lilhom dovuta huma preskrivibbli bil-perjodu ta sena.

Illi ghalkemm id-dokument esebit a fol 25 tal-process li gie kkonfermat minn jaccarini li kien inhareg mis-socjeta konvenuta jista jittiehed in konsiderazzjoni bhala prova tal-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv, dan id-dokument pero jgib id-data tal-24 ta Lulju 2002 filwaqt li l-kawza odjerna giet intavolata fis-26 ta Awissu 2003 cioe aktar minn sena wara u ma jidhirx li ngabet prova ohra dwar xi nterruzzjoni ulterjuri ta dan il-perjodu preskrittiv. Il-kawza allegata ma dan il-process numru 2138/02 ma tistax tigi kunsidrata ghal dan l-iskop peress illi s-socjeta konvenuta hija differenti minn dik hawn imharrka fl-azzjoni odjerna.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, jiddikjara li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147 (c) Kapitolu Sittax tal-Ligijiet ta Malta u konsegwentement ghalhekk qed jirrespingi t-talbiet attrici b'dan illi l-ispejjes ta dina d-decizjoni ghandhom fuq bazi ta ekwita jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------